TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Fit-Tribunal Ghal Tabliet tal-Konsumatur

Joseph u Emanuel Cucciardi

vs

Pierre Camilleri - Aqualux

CCT 17/17/MS

5 ta' Gunju 2017

It-Tribunal

Ra l-avviz ipprezentat mir-rikorrenti fis-27 ta' Jannar 2017 fejn talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' €1583.00, prezz ta' depozitu u spejjes inkorsi mir-rikorrenti ghal xoghol ta' plumbing imwettaq mill-konvenut li ma kienx skond l-art u s-sengha.

Ra illi minkejja li l-konvenut gie notifikat fit-28 ta' Jannar 2017, dan baqa ma wegibx ghat-talba tar-rikorrenti u lanqas ma deher quddiem it-Tribunal biex jaghti l-versjoni tieghu, u ghalhekk ghandu jitqies li huwa kontumaci.

Sema' x-xhieda bil-gurament, ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi f'xi zmien, ir-rikorrenti kienu avvicinaw lill-konvenut sabiex jaghmel xoghol ta' plumbing fir-residenza 147, Brigella Street, Hamrun. Ftehmu fuq prezz ta' €1,500, li minnhom thallas €1,000 bhala depozitu. Il-konvenut beda x-xoghol mal-ewwel u kien regolari fl-attendenza tieghu ghax-xoghol fir-residenza fuq imsemmija. Ir-rikorrent ighid, pero, li wara xi xahar u nofs il-konvenut waqa' lura u beda jfalli hafna l-granet. Kull darba li r-rikorrenti kien icempillu, il-konvenut kien iweghdu li ser ikompli x-xoghol, izda dan ma kienx ikun. Meta il-konvenut beda anke ma jwegibx ghat-telefonati tar-rikorrenti, dan tal-ahhar mar ghand l-avukat fejn formalment wissa lill-konvenut

sabiex ikompli bix-xoghol altrimenti kien ser iwaqqfu milli jkompli bl-inkarigu u talbu jirrifondilu s-somma ta' €1,370. Il-konvenut injora din l-ittra.

Illi in sostenn tat-talba tieghu, minbarra id-dokumenti ezebiti, ir-rikorrenti gab lil John Bonnici, il-plumber li gie wara l-konvenut, biex jixhed. Bonnici xehed illi sab hafna nuqqasijiet fix-xoghol tal-konvenut, specjalment nuqqas ta' *sleeves* fil-*piping*. Kellhom jixtru mija u hamsin *sleeve* u bdew izarmaw l-installazzjoni u jaghmlu dawn is-*sleeves*. Dan kollu gie jiswa hafna spejjes lir-rikorrenti kif ukoll hin zejjed.

Ir-rikorrenti spjegaw kif wasslu ghac-cifra mitluba, li dan jinkludi elf lira depozitu u l-kumplament huma l-*fittings* u affarijiet li kienu nieqsa mix-xoghol li suppost kien qed jaghmel il-konvenut.

Illi t-Tribunal m'ghandux il-konfort tal-versjoni tal-intimat peress illi dan ma kkoperax ma dan it-Tribunal. Ma prezentax risposta u lanqas ma deher quddiemha. Di piu it-Tribunal jidhirlu li l-versjonijiet moghtija mir-rikorrenit huma veritjiera u jimmeritaw li jkunu milqughin.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikundanna lill-konvenut li jhallsu l-ammont ta' €1,583.00 ghar-ragunijiet fuq imsemmija. Bl-ispejjes kontra l-intimat.

Michela Spiteri LLD
Arbitru